




STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 195/22

Il-Lussemburgu, 2 ta' Diċembru 2022

1952-2022: Forum straordinarju tal-membri tal-ġudikatura fl-okkażjoni tas-70 anniversarju tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċelebra s-70 sena mid-dħul fil-kariga tal-ewwel Membri tagħha, fl-4 ta' Diċembru 1952 fil-Lussemburgu, tul tlett ijiem iddedikati għat-tema "Ġustizzja qrib iċ-ċittadin"



L-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (akwarell ta' Noëlle Herrenschmidt, 2008).

Dan l-avveniment uffiċjali ser iseħħ mill-4 sas-6 ta' Diċembru 2022 fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest ta' Forum straordinarju tal-membri tal-ġudikatura. Il-Forum tal-membri tal-ġudikatura huwa seminar organizzat annwalment bil-għan li jinżammu r-rabtiet fundamentali bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali tal-Istati Membri li ta' kuljum japplikaw id-dritt tal-Unjoni f'kooperazzjoni stretta mal-Qorti tal-Ġustizzja.

L-edizzjoni partikolari ta' din is-sena 2022 tiġbor flimkien il-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, il-Presidenti tal-qrati kostituzzjonali u supremi tal-Istati Membri kollha u l-Presidenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qorti tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA).

L-avveniment ser jitnieda fl-4 ta' Diċembru 2022 filgħaxija b'diskors minn Koen Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, segwit mit-turija ta' film kommemorattiv miġbud għas-70 anniversarju tal-inawgurazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fil-5 ta' Diċembru ser tiżvolġi l-ħidma tal-Forum fil-kuntest ta' tliet sessjonijiet plenarji u ta' gruppi ta' ħidma ddedikati għat-tqarrib tal-ġustizzja fil-konfront taċ-ċittadini.

Il-Forum jintemm fis-6 ta' Diċembru permezz ta' udjenza solenni fil-preżenza tal-Altezza Rjali Tiegħu il-Gran Duka Ereditarju, ta' Ex Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja, fosthom il-President tal-Latvja, I-E.T. Egils Levits, u tal-Qorti Ġenerali, ta' Rappreżentanti Għolja tal-Istituzzjonijiet Ewropej, tal-awtoritajiet tal-Istat ospitanti u tal-korp diplomatiku, kif ukoll ta' rappreżentanti mill-oqsma legali. Wara diskors ta' merħba mill-President Lenaerts, għandhom jikkellmu suċċessivament l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew, Othmar Karas, il-Ministru għal-Leġiżlazzjoni u President tal-Kunsill Leġiżlattiv tal-Gvern tar-Repubblika Ċeka, Michal Šalomoun, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, Vera Jourová, u l-Ministru għall-Kultura u għall-Ġustizzja tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu Sam Tanson.

L-udjenza solenni ser tixxandar fi trażmissjoni diretta mill-11.00 am fis-sit CVRIA aċċessibbli mil-link segwenti:
https://curia.europa.eu/jcms/jcms/p1_3865569/

Fis-6 ta' Diċembru, waranofsinar, fl-Awla Manja, klassijiet ta' studenti ta' livell post sekondarju ser jieħdu sehem fl-aqgħa fil-forma ta' sessjoni ta' mistoqsija u tweġiba ma' K. Lenaerts, O. Karas kif ukoll ma' V. Jourová. Din il-aqgħa, intitolata "Bennejja tal-Ewropa", għandha tiġbor flimkien mijiet ta' studenti minn post sekondarji minn kullimkien fl-Unjoni Ewropea, li ser jipparteċipaw fiha billi jkunu preżenti jew permezz ta' videokonferenza, b'interpretazzjoni simultanja.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

